MALTA RESOURCES AUTHORITY

***MRA/PR 08/06***

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## Prezzijiet taż-żjut għall-Konsum

Kif tħabbar f'Novembru 2005, ir- reviżjoni tal-prezzijiet taż-żjut mibjugħa għall-konsum ssir kull xahar u tinħadem fuq il-prezz li l-Enemalta tkun ħallset għall-aħħar kunsini tal-prodotti meta dawn jiġu impurtati minn barra l-pajjiż. Dan il-prezz jiddependi kemm mill-prezz taż-żejt fis-swieq internazzjonali kif ukoll mir-rata tal-kambju bejn id-dollaru Amerikan u l-lira Maltija.

Mill-aħħar reviżjoni li saret fl-aħħar ta' Settembru l-prezzijiet internazzjonali tal-petrol, kerosene u diesel matul Ottubru mxew kif ġej:



## Kerosene - Prezzijiet f'Ottubru




## Diesel - Prezzijiet f'Ottubru



Din it-tendenza internazzjonali għal ċaqlieq ta' prezzijiet twassal li fuq il-bażi ta' kunsini li saru lill-Enemalta, il-prezzijiet tal-prodotti taż-żejt qed jinbidlu kif gej:

| | *Prezz Preżenti* | *Prezz mill-<br>1 ta' Novembru 2006* | *Differenza* |
|---|---|---|---|
| Petrol bla Ċomb (kull litru) | 46c3 | 42c6 | (3c7) |
| Lead Replacement Petrol (kull litru) | 49c3 | 45c6 | (3c7) |
| Diesel (kull litru) | 42c3 | 38c9 | (3c4) |
| Pitrolju | 42c4 | 39.0 | (3c4) |
| Light Heating Oil | 27c1 | 24c0 | (3c1) |
| Thin Fuel Oil 200 deg (kull tunnellata) | Lm156.00 | Lm143.00 | (Lm13.00) |
| Thin Fuel Oil 450 degrees (kull tunnellata) | Lm150.00 | Lm137.00 | (Lm13.00) |
| Thin Fuel Oil 950 degrees (kull tunnellata) | Lm141.00 | Lm128.00 | (Lm13.00) |

Fil-każ tal-prodott tal-petrol, iċ-ċaqlieq jinkludi t-tnaqqis fis-sisa fuq dan il-prodott (0c125 minbarra l-VAT ) li huwa tnaqqis mis-sisa tranżitorja li ddaħħlet biex tpatti għall-introduzzjoni tranżitorja tal-'*fuel surcharge*' fuq l-elettriku.

***31/10/06***